# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 16 ta' Marzu 2022**

**Rikors Numru : 490/2021 JPG**

**Kawza Numru : 18**

**MB**

**Vs**

**SZ**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' MB datat 19 ta' Ottubru 2021, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi l-kontendenti zzewwgu fit-tnax (12) ta' Ottubru, elfejn u tnax (2012) u dana hekk kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat bhala Dok A;*

2. *Illi l-partijiet ma kellhomx tfal minn dan iz-zwieg;*

3. *Illi l-partijiet ottjenew is-separazzjoni pesonali taghhom permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar D. Katrin Bartolo datat tlieta (3) ta' Dicembru elfejn u ghoxin (2020) (Dok B);*

4. *Illi ghalkemm il-partijiet ilhom separati legalment ghal kwazi sena (1) izda ilhom mill-ghaxra (10) ta' Novembru, elfejn u tmintax (2018) separati de facto;*

5. *Illi r-rikorrenti ma tara li hemm l-ebda prospett ragonevoli illi l-partijiet jistghu jirrikonciljaw;*

6. *Illi m'hemmx manteniment dovut bejn il-partijiet.*

*Ghaldaqstant ir-rikorrenti titlob umilment lil dina l-Onorabbli joghgobha:*

1. *Tiddikjara illi z-zwieg ta' bejnha u bejn l-intimat huwa mahlul u ghalhekk tippronunjza d-divorzju bejniethom;*

2. *Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fiz-zmien imholli ghal daqshek mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju bejn il-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat in-nota ta' SZ, datata 22 ta' Novembru 2021, a fol 18, li taqra hekk:

*Illi b'referenza ghad-digriet ta' din l-Onorabbli Qorti tal-21 ta' Ottubru 2021 l-esponenti jiddikjara li m'ghandux affidavit jew dokumenti x'jipprezenta ghaliex jaqbel ma' dak kollu espost minn MB fir-rikors guramentat taghha.*

*Illi in oltre jigi dikjarat permezz ta' din in-nota li l-esponent m'ghandux provi xi jressaq u anqas sottomissjonijiet xi jressaq ghaliex huwa m'ghandux oggezzjoni ghal li jigi dikjarat id-divorzju bejn il-partijiet.*

*Illi b'din in-nuqqas ta' oppozizzjoni ghat-talbiet attrici, l-esponent jirrimetti ruhu ghal kwalunkwe decizjoni ta' din l-Onorabbli Qorti, li ghalhekk tista tghaddi anke ghas-sentenza finali.*

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**MB xehdet** (vide affidavit Dok C, fol 13) illi l-kontendenti zzewgu nhar it-12 ta' Ottubru 2012 u li minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal. Sostnet illi filfatt dan iz-zwieg ma rnexxiex u l-kontendenti sseparaw legalment permezz ta' kuntratt ippubblikat minn Nutar Dr Katrin Bartolo nhar it-3 ta' Dicembru 2020. Iddikjarat illi isseparaw de facto fl-10 ta' Novembru 2018. Ziedet tikkonferma illi ma hemm ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni lanqas ma hemm arretrati ta manteniment.

**SZ** xehed (vide affidavit fol 20) u kkonferma u kkorrobora dak li xehdet l-attrici.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***(… omissis)***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***
>
> ***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena***

***mis-sentejn preċedenti; jew***

***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***

***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***

***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***

***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Il-kontendenti kkonfermaw bil-gurament li huma kienu zzewgu nhar it-12 ta' Ottubru 2012, liema zwieg igib c-certifikat numru 2797/2012 (Vide Dok A, certifikat taz-zwieg fol 4). Minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dottor Katrin Bartolo nhar it-3 ta' Dicembru 2020 (vide Dok B fol 5 et seqq.) Di piu', jirrizulta li l-kontendenti ilhom separati de facto mill-10 ta' Novembru 2018. Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom separati ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Jirriżulta ukoll illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 2797/2012 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**